# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 485/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Johan Borg**

Illum 16 ta' Mejju 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Johan Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 291870(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Awwissu 2020 għal ħabta ta' 4:10hrs ġewwa Triq Żabbar, Fgura u l-madwar:

1. ippermetta li titħalla l-vettura ta' għamla Komatsu bin-numru tar-reġistrazzjoni LCL 078 fi triq kemm ipparkjata kif ukoll jekk kienet qed tintuża mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta u

dan bi ksur ta' Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. ġiegħel, ħalla jew ippermeta lil Fredrick Azzopardi jsuq għamla Katatsmu bin-numru tar-reġistrazzjoni LCL 078 mingħajr ma kien kopert polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni u dan bi ksur ta' Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 3(1) u 3(2A) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati taż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' elfejn u sitt mitt Euro (€2,600) kif ukoll skwalifika milli jikseb jew juża liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax (12)-il xahar li kellhom jibdew jgħaddu minn dakinhar tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-15 ta' Novembru 2022 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja s-sentenza appellata għal waħda aktar ekwa u ġusta."*

Rat ir-Rikors l-ieħor tal-appellant ippreżentat fit-22 ta' Novembru 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija fl-ismijiet permessi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Nadine Lia, nhar is-7 ta' Novembru 2022, u konsegwentement tillibera lill-appellant rikorrent minn kull ħtija u tirrevoka l-piena hemm inflitta, alternattivament tbiddel il-piena u tagħti dik il-piena aktar mite u ġusta fil-każ de quo."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-30 ta' Jannar 2024.

Semgħet, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024, lill-konsulent legali tal-appellant jiddikjara li kien qed jiġi rtirat r-Rikors tal-appell tal-appellant li ġie ppreżentat fit-22 ta' Novembru 2022 (*a fol.* 63 *et seq.*) u b'hekk il-Qorti tiddikjara minn issa li qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. Għal kull buon fini jingħad li fis-seduta msemmija l-konsulent legali tal-appellant iddikjara li kien qed iżomm ferm ir-Rikors tal-appell tal-appellant li ġie ppreżentat fil-15 ta' Novembru 2022 (*a fol.* 60 *et seq.*).

Semgħet, fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024, lill-konsulent legali tal-appellant jagħmel riferenza għal verbal miżmum quddiem l-Ewwel Qorti li jinsab *a fol.* 20 tal-process, liema verbal huwa mingħajr data, u fejn eċċepixxa l-preskrizzjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm dwar l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni hawn fuq imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar l-eċċezzjoni mressqa mill-appellant fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024 fejn argumenta li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat kienu preskritti u dana wara li għamel riferenza għal verbal miżmum quddiem l-Ewwel Qorti li jinsab *a fol.* 20 tal-process, liema verbal huwa mingħajr data.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw ħabta li seħħet fit-22 ta' Awwissu 2020 b'dana li l-appellant huwa s-sid u direttur tal-kumpanija National Gypsum Limited. Jidher li din il-kumpanija hija propjetarja ta' numru ta' *fork lifters*. F'dan ir-rigward jidher li l-Kunsill Lokali tal-Fgura talab l-għajnuna tal-appellant sabiex

permezz tal-*fork lifters* tiegħu jiġu mċaqalqa xi *pots* tqal. Jidher li l-appellant aċċetta u qabbad xi lavranti tiegħu sabiex matul il-lejl iċaqalqu dawn il-*pots*. L-appellant jispjega li huwa qabbad lill-impjegati sabiex jużaw *fork lifter* iżda huwa ma identifikax liema mill-*fork lifters* kellhom jużaw. Huwa jispjega li l-kumpanija tiegħu għandha b'kollox erba' (4) *fork lifters* fejn tnejn minnhom huma assigurati sabiex jinstaqu fit-triq waqt li tnejn oħra għandhom jinstaqu fil-fabbrika u ma għandhomx liċenzja tat-triq. Jidher li għal xi raġuni jew oħra l-impjegati wżaw *fork lifter* li ma kellux liċenzja sabiex jintuża fit-triq.

Illi waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet għal ħabta tal-4.00am tat-22 ta' Awwissu 2020, vettura tal-għamla Toyota li kienet qed tiġi misjuqa minn ċertu Joseph Camilleri baqgħet dieħla ġol *fork lifter* li dak il-mument kien qed jiġi misjuq mil-lavrant tal-appellant ċertu Fredrick Azzopardi.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-eċċezzjoni mressqa mill-appellant huwa jargumenta li l-ewwel verbal li jirriżulta fl-atti proċesswali *ossia* dak li jinsab *a fol.* 20 huwa bla data. Din il-Qorti tinnota li mill-verbal imsemmi jirriżulta li s-seduta ta' wara kellha tinżamm fis-26 ta' April 2021 b'dan illi l-atti proċesswali ma jikkontjenu l-ebda verbal ta' xi seduta li setgħet inżammet fis-26 ta' April 2021. Għal kull buon fini jingħad li fl-atti proċesswali ma hemm l-ebda dokument jew digriet li bih din il-Qorti setgħet tinnota li s-seduta li kellha tinżamm fis-26 ta' April 2021 ġiet b'xi mod differita mill-Ewwel Qorti. Jingħad ukoll li wara l-verbal bla data li ġie msemmi hawn fuq hemm verbal ta' seduta li nżammet fl-4 ta' Ottubru 2021.

Illi l-appellant jisħaq li l-imputazzjonjiet addebitati fil-konfront tiegħu huma preskritti.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti jirriżulta li l-appellant allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti bis-segwenti żewġ imputazzjonijiet:

- l-ewwel (1) imputazzjoni tirrigwarda ksur ta' Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta

  u

- t-tieni (2) imputazzjoni hija dwar ksur ta' Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, Regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "L-ebda vettura bil-mutur ma tista' tkun fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuża, mingħajr liċenza għaċ-ċirkolazzjoni valida, jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenza temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, maħruġa mill-Awtorità sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx eżenti taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att."

Illi l-piena applikabbli għal dan ir-Regolament jinsab f'Regolament 44(7) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta liema sub-Regolament ifisser li l-piena hija "għal kontravenzjonijiet." Ma' dan din il-Qorti tinnota li Artikolu 688(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi terminu ta' tliet xhur bħala terminu preskrittiv għall-kontravenzjonijiet.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni li tirrigwarda użu ta' vettura meta ma kienx hemm polza ta' assigurazzjoni u li temerġi minn Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tinnota li Artikolu 3(3) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Għad illi f'liġijiet oħra jista' jkun hemm żmien stabbilit li fih għandhom isiru proċeduri quddiem qorti, il-proċediment għal reat taħt dan l-artikolu jista' jsir –
>
> (a) <u>fi żmien sitt xhur mid-data li fiha jkun sar ir-reat allegat</u>; jew
>
> (b) fi żmien li ma jiskorrix la tliet xhur mid-data li fiha l-prosekuzzjoni tkun ġiet taf li sar ir-reat u lanqas sena mid-data li fiha jkun sar ir-reat,
>
> skont liema żmien minnhom ikun l-itwal." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għal Artikolu 687(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkuża jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu inbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta s-segwenti:

- *a fol.* 1 u 2: komparixxi maħruġa fil-konfront tal-appellant allura imputat;
- *a fol.* 3: dikjarazzjoni tal-appellant allura imputat;
- *a fol.* 4 sa 11: affidavit ta' PS 1283;
- *a fol.* 12 sa 18: rapport tal-Pulizija;
- *a fol.* 19: kopja tad-dikjarazzjoni tal-appellant allura imputat li tinsab *a fol.* 3;

- *a fol.* 20: verbal ta' seduta, liema verbal huwa mingħajr data fejn fih hemm imniżżel li l-kawża ġiet mħollija għas-26 ta' April 2021;[1]

- *a fol.* 21: riferta pożittiva ta' Joseph Camilleri għal seduta li suppost kellha tinżamm fit-18 ta' Jannar 2021;

- *a fol.* 23:- verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2021;

- *a fol.* 24 *et seq.*: inkartament ieħor relattiv ma' dak li seħħ quddiem l-Ewwel Qorti mill-4 ta' Ottubru 2021 sakemm il-kawża ġiet deċiża mill-imsemmija Qorti u sakemm ġie ppreżentat l-appell mertu ta' dawn il-proċeduri.

Illi mill-atti proċesswali ma jirriżultax meta effettivament l-appellant allura imputat ġie notifikat bl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu. Din il-Qorti ma tistax tikkonkludi b'mod definittiv meta nżammet is-seduta l-verbal ta' liema huwa mingħajr data u dana minkejja li fil-komparixxi (*a fol.* 1) fejn hemm imniżżla l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat hemm imniżżel li kienet ser tinżamm seduta fit-18 ta' Jannar 2021 u minkejja li r-riferta (*a fol.* 21) ta' Joseph Camilleri turi d-data tat-18 ta' Jannar 2021. Din il-Qorti tista' b'xi mod jew ieħor tqies li <u>*setgħet*</u> inżammet seduta fit-18 ta' Jannar 2021 <u>**pero'**</u> dan ma jirriżultax mill-verbal li huwa mingħajr data. Dan qiegħed jingħad b'mod speċjali minħabba l-fatt li hawnhekk ninsabu fil-kamp kriminali u li din il-Qorti hija prekluża milli tagħmel il-konklużjonijiet hi meta ma jirriżultawx mill-atti proċesswali. Dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li, kif ingħad, il-verbal ta' bla data juri li l-kawża kienet ġiet differita għas-26 ta' April 2021 meta fl-atti proċesswali anqas biss hemm verbal ta' din is-seduta u wisq anqas xi digriet li l-kawża dakinhar ġiet differita!

[1] Bħalma ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti tinnota li mill-verbal bla data (*a fol.* 20) jirriżulta li s-seduta ta' wara kellha tinżamm fis-26 ta' April 2021 b'dan illi l-atti proċesswali ma jikkontjenu l-ebda verbal ta' xi seduta li setgħet inżammet fis-26 ta' April 2021. Ingħad ukoll li fl-atti proċessewali ma hemm l-ebda dokument jew digriet li bih din il-Qorti setgħet tinnota li s-seduta li kellha tinżamm fis-26 ta' April 2021 ġiet b'xi mod differita mill-Ewwel Qorti. Wara l-verbal ta' bla data hemm verbal ta' seduta li nżammet fl-4 ta' Ottubru 2021.

Illi fid-dawl ta' dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza dwar l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat għandu jingħad li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu allegatament saru fit-22 ta' Awwissu 2020. Isegwi għalhekk li minn dak kollu li ngħad hawn fuq jirriżulta li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat għandha titqies bħala preskritta u dana *stante* li ma hemmx prova fl-atti proċesswali li huwa ġie notifikat fi żmien tliet (3) xhur kif imsemmi aktar 'il fuq. Fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, anqas hemm prova li l-appellant allura imputat ġie notifikat fi żmien sitt (6) xhur u dana peress li fir-rigward tal-perjodu preskrittiv kif imsemmi aktar 'il fuq minkejja li mill-verbal ta' bla data (*a fol.* 20) jirriżulta li l-kawża kienet ġiet differita għas-26 ta' April 2021 minn fejn huwa ċar li l-appellant allura imputat kien deher quddiem l-Ewwel Qorti qabel is-26 ta' April 2021 pero' d-data ta' meta kien deher quddiem l-Ewwel Qorti l-ewwel darba ma tirriżultax fl-atti proċesswali!

Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-appellant fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu qed tiġi milqugħa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-appellant Johan Borg fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u b'hekk ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tisma' s-sottomissjonijiet dwar il-mertu tal-appell.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**